**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL-*JUNIOR LYCEUM* U L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES KLASSI** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** _________

**Taqsima A**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(30 marka)**

1. Xi tfisser il-kelma 'Evanġelju'?

_______________________________________________ (marka)

2. X'inhu l-ħsieb ewlieni li titkellem fuqu l-Enċiklika 'Rerum Novarum'?

_______________________________________________ (marka)

3. Meta għandu n-nisrani jitlob is-Sagrament tal-Morda?

_______________________________________________ (marka)

4. Semmi **tnejn** mill-effetti li jħalli s-Sagrament tal-Morda f'min jirċevih?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

5. Fisser **f'żewġ sentenzi** għaliex lil Marija, il-Knisja tqisha 'Omm Ġesù'.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. (a) Kif għandek tgħammed?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

(b) X'jissejħu l-persuni adulti li jkunu qed jippreparaw għall-Magħmudija?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

7. Jista' n-nisrani jitlob lit-tabib itemmlu ħajtu għax ikun qiegħed ibati? Fisser għaliex.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

8. Fisser din is-silta dwar it-tagħlim tal-Knisja fuq l-ambjent: "L-art ġiet fdata f'idejn il-bniedem biex jiżviluppaha mhux biex jittradiha u jeqridha".

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

9. Semmi Għaqda jew Dar tal-Knisja f'Malta jew f'Għawdex li tagħmel xogħol ma' min waqa' fil-vizzju tad-droga. Semmi wkoll Dar tal-Knisja li tieħu ħsieb persuni b'diżabiltà.

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

10. Għaliex iż-żwieġ nisrani huwa sagrament?

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

11. Il-ħaddiem għandu dritt li jistrajkja. Semmi **tliet** drittijiet morali marbuta ma' dan id-dritt.

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (3 marki)

12. Semmi u ikteb dwar **erba'** dmirijiet ewlenin tal-ħaddiema.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (4 marki)

13. Semmi l-**erba'** effetti li tħalli l-Magħmudija f'min jirċeviha.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (4 marki)

**Taqsima B** **(10 marki)**

**Fisser dawn il-kelmiet.**

(a) Messija

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

(b) Separazzjoni

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

(ċ) Embriju diżabbli

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

(d) Konformiżmu

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

(e) It-Trinità Qaddisa

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

**Taqsima Ċ** **(20 marka)**

'Timxi fuq il-kuxjenza' jfisser li ma għandek ebda tfixkil serju li ma jħallikx liberu li tagħżel dak li trid.

Wieġeb:

(a) X'inhi 'kuxjenza'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (6 marki)

(b) X'għandek tagħmel biex tifforma kuxjenza tajba? Semmi **tliet** punti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (6 marki)

(ċ) Spjega kif (i) **id-drawwiet ħżiena** u (ii) **il-ħbieb tamparna** jistgħu jfixkluna milli niffurmaw kuxjenza nisranija.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (8 marki)

**Taqsima D** **(40 marka)**

Fuq karta separata wieġeb fit-tul **tnejn** minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin.

1. Marija qalet, "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek." *(Luqa 1,38)*

   (a) Fisser dawn il-veritajiet (dommi) li aħna l-insara nemmnu dwar il-Madonna:
   (i) l-Immakulata Kunċizzjoni; (4 marki)
   (ii) Marija mtellgħa s-sema. (4 marki)

   (b) Uri mill-ħajja ta' Marija kif hi kienet l-aqwa dixxiplu ta' binha Ġesù. (6 marki)

   (ċ) Kif tista' int bħala żagħżugħ/a tixbah lil Marija fil-ħajja tiegħek bħala nisrani/ija? Uri dan billi tagħti mill-inqas **tliet** eżempji. (6 marki)

2. "Huwa jien li nagħti l-mewt u li nagħti l-ħajja." *(Dew 32,39)*

   (a) Għaliex il-Knisja tikkundanna:
   (i) l-ewtanasja? (4 marki)
   (ii) l-abort? (4 marki)

   (b) Fil-ħajja tiegħu Ġesù wera rispett kbir għall-ħajja ta' kull bniedem.
   Għid kif Ġesù ġab ruħu:
   (i) mal-midinbin; (4 marki)
   (ii) mal-morda. (4 marki)
   Ikteb fit-tul dwar **żewġ** eżempji fuq kull punt.

   (ċ) Semmi u ikteb dwar **żewġ** perikli li trid tevita biex tieħu ħsieb saħħtek sewwa. (4 marki)

3. 'Bix-xogħol il-bniedem jingħaqad ma' Alla u ma' ħutu l-bnedmin'.

   (a) Fisser kif ix-xogħol hu għall-bniedem, u mhux il-bniedem għax-xogħol. (6 marki)

   (b) Minn fost id-drittijiet li l-ħaddiema għandhom ikollhom fil-qasam tax-xogħol, semmi **tnejn** li fil-fehma tiegħek huma l-aktar importanti. Għaliex taħseb hekk? (8 marki)

   (ċ) Bħala żagħżugħ/a nisrani/ija, x'għandek iżżomm f'moħħok meta tiġi biex tagħżel ix-xogħol tiegħek? (6 marki)

4. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed". *(Ġen 2, 23-24)*

   (a) Fisser kif għandha tkun l-imħabba 'eros u 'agape' fis-Sagrament taż-Żwieġ. (8 marki)

   (b) Iż-żwieġ nisrani għandu ċerti karatteristiċi (kwalitajiet). Semmi u fisser **tnejn** minnhom. (6 marki)

   (ċ) Liema tħejjija serja hija meħtieġa biex nersqu kif jixraq għal dan is-sagrament? (6 marki)